**GRUPP AZZJONI LOKALI MAJJISTRAL**

12, Triq it-Tullier, Attard, Malta, ATD 1631

Telefon:  (+)356 2099 2080

emejl: info@leadermajjistral.eu

**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEIR)**

# Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013
# Programm LEADER

## Linji Gwida għas-sottomissjoni ta':

## Applikazzjonijiet għal fondi taħt Miżura 125: Infrastruttura relatata mal-Iżvilupp u l-Adattament tal-Agrikoltura

---

Din il-Miżura taqa' taħt il-kategorija ta' 'Proġett' taħt **Assi 1** tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta (RDP) 2007 – 2013, u hija ko-finanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali li jaqa' taħt ir-risponsabbiltà tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima (MSDEC).

---

## Miżura 125 – Infrastruttura Relatata mal-Iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura

### 1. Skop ta' dawn il-Linji Gwida

Dawn il-linji gwida jiffukaw fuq il-Miżura 125 taħt Assi 1 tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta (RDP) 2007 – 2013. Dawn il-linji gwida jipprovdu l-iskop ta' u l-ħsieb wara din il-Miżura, informazzjoni dwar min jista' jibbenefika u l-attivitajiet li jistgħu jiġu iffinanzjati taħt din il-Miżura. Dawn il-linji gwida jinkludu ukoll il-kriterji tal-għażla għal din il-Miżura.

### 2. Raġuni tal-Intervent

L-immaniġġjar effiċjenti ta' infrastrutturi lokali huwa importanti ħafna mhux biss sabiex jassigura il-kompetittività' tas-settur agrikolu iżda wkoll sabiex jassigura l-konservazzjoni ta' azzjendi agrikoli li huma taħt riskju li jiġu abbandunati minħabba limitazzjoni fid-disponibbiltà ta' ilma u diffikultà sabiex wieħed jaċċessa dawn l-azzjendi.

Limitazzjoni serja li jiltaqa' magħha s-settur agrikolu Malti hija l-konservazzjoni ta' azzjendi li qegħdin f'riskju li jiġu abbandunati minħabba nuqqas ta' aċċessibilità ikkawżata mill-frammentazzjoni tal-art. In-nuqqas ta' aċċessibilità tillimita l-użu ta' ċertu makkinarji u dan jaffetwa b'mod negattiv il-produttività u jwassal għall-emarġinazzjoni tal-art. Dan in-nuqqas ta' aċċess għal dawn l-azzjendi, partikolarment dawk li jinsabu fuq għoljiet imtarrġa u irdumijiet kostali, huwa wieħed mill-kawżi li qiegħed iwassal għall-abbandun tal-art. Titjib fl-aċċessibilità għal dawn l-azzjendi permezz ta' titjib fit-toroq ta' aċċess għandu jwassal sabiex jitnaqqas l-abbandunament tal-art, jitjieb l-immaniġġjar tal-azzjendi u titjieb l-effiċjenza ta' dawn l-azzjendi.

### 3. Skop u Għanijiet tal-Miżura

L-għan tal-Miżura 125 taħt Assi 1 hu li tiffaċilita l-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura billi tappoġġja t-titjib tal-istrutturi neċessarji tas-settur u tindirizzza l-limitazzjonijiet li jaffettwaw il-kwalità tal-art u l-produttività.

Il-Proġetti proposti taħt din il-Miżura għandhom jassiguraw li m'hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn il-bdiewa li ser jibbenefikaw mill-proġett. L-iskop tal-proġetti proposti għandu jkun esklussivamant relatat mal-agrikoltura.

## 4. Azzjonijiet Eliġibbli

Azzjonijiet taħt ‘Tip Erbgħa’ tal-Miżura 125 jistgħu jiġu iffinanzjati taħt din l-azzjoni. Dan ifisser li azzjonijiet eliġibbli huma dawk **li itejbu l-aċċess għal azzjendi agrikoli**. Din il-Miżura ser tiffinanzja **it-titjib ta’ toroq ta’ access u passaġġi eżistenti.**

**Ma jistgħux isiru interventi fuq l-azzjendi agrikoli nnifishom.**

Taħt din is-sejħa jistgħu japplikaw biss dawk li diġà ressqu Espressjoni ta’ Interess. F’din l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu biss toroq li diġà ġew imniżżla fl-Espressjoni ta’ Interess.

## 5. Investimenti Eliġibbli

L-Investimenti Eliġibbli taħt din is-sejħa huma limitati għal dawn:

i. Passaġġi ta’ aċċess lejn azzjendi agrikoli diġà eżistenti li jinsabu fit-territorju tal-Grupp Azzjoni Lokali Majjistral.
ii. Passaġġi ta’ aċċess lejn azzjendi agrikoli eżistenti li diġà huma miksijin però għandhom bżonn ta’ wiċċ ġdid.
iii. Passaġġi ta’ aċċess lejn strutturi agrikoli li m’għandhomx wiċċ kontinwu u li ma jaqgħux taħt l-investimenti mhux eliġibbli mniżżlin f’Sezzjoni 6.

## 6. Investimenti li m’humiex Eliġibbli

Din hija lista mhux komprensiva ta’ investimenti li mhumiex eliġibbli taħt il-Miżura 125.

Mhux se jiġu iffinanzjati:

- Interventi ta’ manutenzjoni ordinarji (eż. tiswija ta’ ħofor);
- Attivitajiet jew interventi fuq l-azzjenda agrikola;
- *work in kind*;
- xiri ta’ art jew bini;
- xiri ta mezzi ta’ trasport;
- installazzjonijiet proviżorji li mhumiex direttament relatati mal-investiment (eż. imħażen sabiex jiġu maħżuna apparat meħtieġa għax-xogħlijiet);

- spejjeż li jkunu saru qabel ma saret is-sejħa għall-applikazzjonijiet;
- taxxi (inkluża l-VAT li tista' tiġi irkuprata) jew spejjeż oħra operattivi tal-entità li qegħda tapplika għall-proġett, inklużi proviżjonijiet għal telf futur, djun jew interessi;
- varjazzjonijiet mill-ispejjeż imniżżla fil-kuntratt;
- kontributi li huma s-suġġett ta' kontribuzzjoni tan-natura (eż. l-art, proprjetà immobbli kemm jekk fit-totalità tagħha tagħha jew parzjalment, oġġetti kapitali durabbli u materja prima);
- spejjeż operattivi (bħal salarji, obbligazzjonijiet ta' assigurazzjoni u spejjeż operattivi);
- operazzjonijet ta' sostituzzjoni sempliċi;
- xiri ta' makkinarju *second-hand*;
- spejjeż mhux tanġibbli bħal Valutazzjonijiet ta' Impatt Ambjentali (*Environment Impact Assessments, EIA*), spejjeż relatati ma' permessi tal-MEPA, studji ta' fattibilità, spejjeż ta' perit, inġinier eċċ);
- spejjeż ta' *project management;*
- bdil fil-livell tat-triq;
- intervenzjonijiet fuq siġar u arbuxelli mhux permessi;
- toroq li ma jwasslux lejn art agrikola użata (huma eliġibbli biss toroq li jwasslu lejn art agrikola użata) ;
- kostruzzjoni ta' toroq ġodda;
- twessiegħ ta' toroq;
- tfiegħ ta' konkrit fuq ħamrija, tafal jew xagħri;
- xogħljiet/investimenti/interventi li jirrikjedu il-permess tal-MEPA.

## 7. Applikanti Eliġibbli

L-applikanti eliġibbli għall-fondi taħt din is-sejħa huma Kunsilli Lokali, gruppi u assoċċjazzjonijiet ta' bdiewa legalment kostitwiti (bħal Organizzazzjonijiet ta' Produtturi, Koperattivi, Assoċċjazzjoniiet u gruppi ta' bdiewa li ffurmaw *ad hoc* minħabba dan il-proġett) u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li diġà applikaw taħt is-sejħa għall-Espressjoni ta' Interess li kienet imnedija mill-Grupp Azzjoni Lokali Majjistral bejn is-17 ta' Ottubru u it-2 ta' Dicembru 2011.

## 8. Kriterji ta' Eliġibbilità

Il-Kriterji ta' Eliġibbilità qegħdin stabbiliti sabiex jassiguraw li l-applikazzjoni tkun konformi mal-għanijiet tal-Miżura. Huwa importanti li l-proġetti proposti jissodisfaw il-kriterji mniżżla

hawn taħt. Jekk dawn il-kriterji ma jintlaqgħux, l-applikazzjoni tiġi rrifjutata.

Il-proġett għandu:

- jiġi mwettaq fit-territorju tar-Repubblika ta’ Malta;
- jiġi mwettaq minn Kunsill Lokali li huwa membru fil-Grupp ta’ Azzjoni Lokali (f’każ li l-applikant huwa Kunsill Lokali);
- jikkonformaw mad-deskrizzjoni ta’ azzjoni eliġibbli għall-Miżura 125 (hekk kif deskritt f’Sezzjoni 4);
- ma jinkludix xogħlijiet fuq strutturi agrikoli innifishom;
- ikun sottomess minn applikant li mhux individwu;
- ikun konformi ma’ regolamenti neċessarji tal-MEPA;
- ikun ta’ benefiċċju dirett għall-komunità agrikola;
- ma jaqbiżx l-ispiża ta’ €30,000 (VAT esklużа) għal kull applicant;
- ikun limitat għal żoni rurali li huma parti mit-territorju tal-Grupp Azzjoni Lokali Majjistral;
- ġie klassifikat bħala eliġibbli mill-perit maħtur mill-Awtorità ta’ Tmexxija wara li ġiet sottomessa l-Espressjoni ta’ Interess.

Il-lokalitajiet rurali fi ħdan it-territorju tal-Grupp Azzjoni Lokali Majjistral huma:

| **Lokalitajiet Rurali fi ħdan it-territorju tal-Grupp Azzjoni Lokali Xlokk** | | |
|---|---|---|
| Mellieħa | St. Paul’s Bay | Mġarr |
| Naxxar | Iklin | Lija |
| Għargħur | Mosta | Żebbuġ |
| Siġġiewi | Dingli | Mdina |
| Mtarfa | Rabat | San Ġwann |
| Attard | | |

***Deskrizzjoni tar-rekwiżiti u miri***

Il-proġett għandu jkollu miri li jistgħu jiġu mkejjla u li jikkontribwixxu lejn il-kisba tal-indikaturi speċifiċi u l-miri tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali.

Sabiex l-applikanti jiġu meqjusa għal fondi taħt din il-Miżura, dawn għandhom juru kif il-proġett propost ser jgħin sabiex itejjeb u jżid l-aċċessibilità tal-bdiewa lejn strutturi agrikoli. L-applikant għandu jispeċifika n-numru ta' bdiewa jew raħħala li ser jibbenefikaw minn dan l-intervent u d-daqs taż-żona ta' art agrikola li ser tintlaqat b'mod pożittiv minn dan il-proġett.

## 9. Proċess

L-Ewwel Stadju – Espressjoni ta' Interess

Bħala parti mill-Espressjoni ta' Interess taħt il-Miżura 125 li ġiet sottomessa sabiex jitjieb l-aċċess lejn strutturi agrikoli, il-benefiċċjarji prospettivi provdew pjanta tat-toroq, flimkien ma' ritratti taż-żona li jindikaw eżatt il-post u t-triq li għandha bżonn tiġi irranġata.

L-Espressjonijiet ta' Interess ġew evalwati minn perit appuntat mill-Awtorità ta' Tmexxija.

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet ser tiffinanzja proġetti sa massimu ta' €30,000 (Vat eskluża) għal kull Espressjoni ta' Interess. Fl-Espressjoni ta' Interess kull applikant kien issottometta numru ta' toroq li seta' jaqbeż il-valur massimu ta' €30,000. Dawn it-toroq ġew imniżżlin f'ordni ta' mertu u preferenza f'sezzjoni 1.4 tal-Espressjoni ta' Interess.

Il-perit żar dawn is-siti u prepara stima (BOQ) għax-xogħlijiet u l-ispejjeż meħtieġa. Il-proġetti li ġew meqjusa bħala mhux eliġibbli mill-perit tal-Awtorità ta' Tmexxija jew dawk li jeħtieġu permess tal-MEPA, ġew skwalifikati. Fondi ser ikunu disponibbli għal toroq li ġew klassifikati bħala eliġibbli mill-perit tal-Awtorità ta' Tmexxija. Jekk l-ewwel triq fl-Espressjoni ta' Interess ma ġietx klassifikata bħala eliġibbli, it-tieni triq tiġi ikkunsidrata. Din il-proċedura titkompla sa kemm jintlaħaq il-valur massimu ta' €30,000.

L-applikanti ġew infurmati dwar liema huma s-siti eliġibbli għall-fondi u qegħdin jiġu mitluba sabiex jissottomettu applikazjoni formali għal dawn is-siti eliġibbli (it-Tieni Stadju). Għal dan it-tieni stadju jistgħu japplikaw biss dawk li kienu diġà applikaw għall-Espressjoni ta' Interess.

It-Tieni Stadju – Applikazzjoni Formali taħt il-Miżura 125

**Għal dan it-tieni stadju jistgħu japplikaw biss dawk li kienu diġà applikaw għall-Espressjoni ta' Interess.** Fl-applikazzjoni formali, l-applikanti jistgħu japplikaw biss għal toroq li ġew klassifikati bħala eliġibbli wara l-Ewwel Stadju (l-Espressjoni ta' Interess). L-Awtorità ta' Tmexxija ser tirreferi għall-istima tal-perit (BOQ) imqabbad minnha.

- Wara l-proċess ta' selezzjoni l-proġetti magħżula ser jiġu ikkuntrattati;
- Il-perit tal-Awtorità ta' Tmexxija ser jissorvelja ix-xogħlijiet waqt li dawn ikunu qegħdin isiru;
- Ix-xogħlijiet għandhom jiġu ċertifikati mill-perit tal-Awtorità ta' Tmexxija.

L-applikant ma jistax jibdel il-prijorità mil-lista tat-toroq sottomessi fl-Espressjoni ta' Interess. Ma jistgħux jiġu inklużi toroq ġodda fl-applikazzjoni u l-massimu ta' fondi li jista' jirċievi kull applikant hu ta' mhux iktar minn €30,000.

Fl-applikazzjoni formali l-applikant jista' jniżżel il-lista tat-toroq kollha eliġibbli għall-fondi. Jekk l-ammont ta' fondi meħtieġa ikun inqas minn dak li ġie stmat mill-perit tal-Awtorità ta' Tmexxija, xogħlijiet jistgħu jsiru fuq it-triq li jmiss, skont il-lista li ġiet imniżżla fl-applikazzjoni.

## 10. Intensità tal-Għajnuna

**Jekk jiġi magħżul, il-benefiċċjarju ser jingħata 90% tal-ispiża totali eliġibbli. Il-benefiċċjarju irid jipprovdi l-10% l-oħra tal-ispiża eliġibbli, bħala parti mill-kofinanzjament tal-proġett.**

## 11. Finanzjament – Baġit

Il-baġit totali allokat għal din il-Miżura hu ta' €192,000 li minnhom, 75% ser jiġu finanzjati mill-FAEIR filwaqt li 25% ser jigu finanzjati mill-Gvern ta' Malta. L-għotja massima li jista' jieħu kull applikant hu ta' €30,000.

## 12. Akkwisti (*Procurement)*

Jekk l-applikant huwa Kunsill Lokali, dan għandu jimxi mar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Xiri ta' servizzi u materjali għandu jsir permezz ta' sejħa għal kwotazzjonijiet jew permezz ta' tender.

F’każ li l-applikant huwa grupp ta’ bdiewa kostitwit legalment, assoċjazzjoni (bħal Organizzazzjoni ta’ Produtturi, Koperattivi, Assoċjazzjonijiet u gruppi ta’ bdiewa *ad hoc* legalment kostitwiti għall-fini ta’ dan il-proġett) jew organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), għandha tiġi segwita l-istima tal-perit (BOQ) li ġiet preparata mill-perit tal-Awtorità ta’ Tmexxija fl-ewwel stadju tal-applikazzjoni.

## 13. Pagamenti

L-Aġenzija għall-Pagamenti ser toffri il-faċilità ta’ ħlas bil-quddiem u pagamenti interim (*interim payments).* Il-pagamenti ser isiru kif ġej:

- Ħlas bil-quddiem li jammonta sa 20% tal-valur totali eliġibbli ser jiġi mħallas hekk kif tiġi provduta garanzija bankarja jew ittra ta’ intrapriża lill-Aġenzija għall-Pagamenti mill-benefiċċjarju wara li jiġi iffirmat il-kuntratt;
- Pagamenti interim (*interim payments*) (sa mhux iktar minn 60% tat-totali eliġibbli jekk sar ħlas bil-quddiem, jew 80% tat-totali eliġibbli jekk ma sarx ħlas bil-quddiem) isiru wara li tiġi ippreżentata talba għal rimborż flimkien mad-dokumentazzjoni finanzjarja kollha meħtieġa (bħal fattura u irċevuti u ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet preparata minn inġinier jew perit).

Il-pagament finali (l-aħħar 20% tal-ispiża totali eliġibbli tal-proġett) isir meta l-proġett jiġi komplut u tiġi sottomessa l-aħħar talba għal rimborż, flimkien mad-dokumentazzjoni finanzjarja kollha meħtieġa (inklużi fatturi, irċevuti, u ċertifikazzjoni proviżorja tax-xogħlijiet, ippreparata minn perit).

L-aħħar pagament jinħareġ wara li l-perit tal-Awtorità ta’ Tmexxija ikun iċċertifika x-xogħlijiet. Il-proġett għandu jitlesta fi tnax-il xahar minn meta jigi iffirmat il-kuntratt. Iktar punti jingħataw lil proġetti li ser ikunu kompluti f’sitt xhur jew inqas.
Jekk il-proġett ikun magħżul għall-fondi, il-fondi kollha allokati iridu jiġu imħallsa fi tnax-il xahar minn meta jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Aġenzija għall-Pagamenti. Jekk dan ma jseħħx, l-applikant jista’ jiġi mitlub iħallas lura l-fondi li jkun irċieva u jista’ wkoll jeħel xi penalitajiet.

**L-aħħar pagament huwa suġġett għall-kontrolli u l-verifiki imwettqa mill-*Control Unit* tal-Aġenzija għall-Pagamenti.**

## Kriterji tal-Għażla

Ser issir evalwazzjoni tal-kwalità tal-Applikazzjonijiet, skont il-Kriterji tal-Għażla hekk kif imniżżla fit-Tabella tal-Kriterji tal-Għażla hawn isfel.

Tabella tal-Kriterji tal-Għażla **– Miżura 125 Infrastruttura relatata mal-Iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura**

| Tabella tal-Kriterji tal-Għażla | **Punteġġ** |
|---|---|
| Numru ta' bdiewa jew raħħala li ser jibbenefikaw mill-proġett propost (Sezzjoni 3.1):<br>- Bejn 5 u 10 : 5 punti<br>- Bejn 11 u 20 : 15-il punt<br>- 21 bidwi jew iktar: 20 punt | Massimu ta' 20 punt |
| Numru ta' bdiewa *full time* li ser jibbenefikaw minn dan il-proġett (Annes 1):<br>- 2 punti għal kull bidwi *full time* | Massimu ta' 20 punt |
| Daqs taż-żona (*surface area*) tat-toroq ta' aċċess li ser jiġu koperti mill-proġett (Sezzjoni 3.2):<br>- Inqas minn 100 metru kwadru: 0 punti<br>- Bejn 101 u 200 metru kwadru : 5 punti<br>- Bejn 201 u 400 metru kwadru: 10 punti<br>- Iktar minn 401 metru kwadru: 15-il punt | Massimu ta' 15-il punt |
| Tul ta' żmien tal-proġett (Sezzjoni 3.4):<br><br>Bejn 6 xhur u sena : 10 punti<br>Inqas minn 6 xhur: 20 punt | Massimu ta' 20 punt |
| Kapaċità finanzjarja tal-entità (jew entitajiet) involuti fl-implimentazzjoni tal-proġett (Sezzjoni 6): | Massimu ta' 10 punti |
| Daqs ta' art agrikola li tintuża li ser tibbenefika mill-proġett propost (Sezzjoni 3.2):<br><br>Bejn ettaru wieħed u għaxar ettari : 5 punti<br>Iktar minn 10 ettari: 15-il punt | Massimu ta' 15-il punt |
| **Massimu** | **100 Punt** |

Sabiex ikun ikkunsidrat għal fondi jew sabiex jitpoġġa fuq il-lista ta' riserva, il-proġett għandu jissodisfa l-Kriterji tal-Għażla kollha u għandu jġib minn tal-anqas 5 punti minn kull Kriterju tal-Għażla u minimu ta' 55 punt mit-total ta' marki allokati mill-Kriterji tal-Għażla.

## 14. Sostenibbilità tal-Proġett

Skont l-Artiklu 72 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew (EC) Numru. 1698/2005, operazzjoni tkun tista' żżomm il-fondi jekk (f'ħames snin mit-tmiem tal-proġett) din ma tgħaddix minn tibdiliet sostanzjali (bħal bidla ta' sid, waqfien mill-operazzjoni, jew rilokazzjoni). L-applikant għandu jikkommetti ruħu li jieħu ħsieb li jsir xogħol ta' manutenzjoni wara li jitlesta l-proġett.

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013**

Assi 1 – *Titjib fil-Kompetittività tas-Settur Agrikolu*

Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***